



European Parliament



Council of the
European Union



European
Commission

Rapport annwali dwar il-funzjonament tar-Reġistru ta' Trasparenza 2022

Ippreżentat mill-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta' Trasparenza

lill-

**Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni
Ewropea**

Għandu jiġi ppreżentat rapport annwali dwar il-funzjonament tar-Reġistru ta' Trasparenza lill-istituzzjonijiet firmatarji, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistrū obbligatorju ta' trasparenza, iffirmat fl-20 ta' Mejju 2021.

Dan ir-rapport jistabbilixxi informazzjoni fattwali dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza, il-kontenut tiegħu u kull bidla li tikkonċernah fl-2022. Huwa jirrapporta wkoll dwar il-miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari, li huma fis-seħħ fl-istituzzjonijiet firmatarji fl-istess sena.

Kontenut

| | | |
|------|---|----|
| I. | Sommarju Eżekuttiv | 3 |
| II. | Introduzzjoni..... | 3 |
| 1. | Governanza..... | 4 |
| 2. | Implimentazzjoni tar-reġistru obbligatorju | 4 |
| III. | Miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari..... | 5 |
| IV. | Attivitajiet tas-Segretarjat tar-Reġistru ta' Trasparenza..... | 8 |
| 1. | Monitoraġġ tal-kwalità tad-data..... | 9 |
| 2. | Servizz ta' helpdesk | 10 |
| 3. | Investigazzjonijiet..... | 10 |
| 4. | Laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-2022..... | 12 |
| 5. | Gwida u sensibilizzazzjoni | 12 |
| 6. | Żviluppi tekniċi | 13 |
| 7. | Awditu tal-QEA dwar il-lobbying tal-politika u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE 14 | |
| V. | Statistika | 14 |
| 1. | Żvilupp tar-Reġistru ta' Trasparenza | 14 |
| 2. | Interessi rappreżentati..... | 15 |
| 3. | Data ġeografika..... | 17 |
| 4. | Żjarrat fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza | 18 |
| VI. | Konklużjonijiet..... | 19 |

I. Sommarju Eżekuttiv

Is-sena 2022 kienet l-ewwel sena ta' implementazzjoni sħiħa tar-Reġistru ta' Trasparenza obbligatorju u sena attiva ħafna għar-reġistru l-ġdid. Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut lir-reġistranti biex jemendaw id-data tagħhom, il-monitoraġġ tal-kontenut tar-reġistru issa huwa ffukat fuq it-tipi ġodda ta' informazzjoni li jipprovdu l-applikanti u r-reġistranti.

It-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida tidher li wasslet għal żieda fl-użu tar-reġistru bħala għoddha ta' informazzjoni u ta' referenza għall-attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi fil-livell tal-UE. Dan jidher miż-żieda fl-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u ż-żieda fl-għadd ta' żjarat fis-sit web sena wara sena.

B'riżultat ta' dan, l-attivitajiet tas-Segretarjat tar-reġistru żdiedu, b'żieda (ta' 64 %) fl-għadd ta' talbiet diretti għall-assistenza tal-helpdesk u żieda fit-talbiet lis-Segretarjat biex jipparteċipa f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u avvenimenti mmirati lejn il-persunal u l-partijiet ikkonċernati. Huwa importanti li s-Segretarjat jkun wettaq livell oħla ta' monitoraġġ immirat fuq ir-reġistranti (26 % aktar). Kien hemm ukoll żieda ċara fl-użu tal-għoddha tal-ilmenti fl-2022 u għadd akbar ta' investigazzjonijiet proprii miftuħha mis-Segretarjat, li juru l-livell għoli ta' skrutinju tal-kontenut tal-bażi tad-data.

Dawn l-attivitajiet huma deskritti f'aktar dettall fir-rapport.

II. Introduzzjoni

Ir-Reġistru ta' Trasparenza huwa l-għoddha ta' referenza mfassla għar-rappreżentanza tal-interessi fil-livell tal-UE. Huwa bażi tad-data stabbilita biex tiprovd lill-pubbliku b'informazzjoni aġġornata dwar l-attivitajiet ta' rappreżentanza ta' grupp ta' interess immirati biex jinfluwenzaw il-proċessi tat-tfassil tal-liġijiet u tal-implementazzjoni tal-politika tal-istituzzjonijiet tal-UE. Dan jgħin biex jinżamm rekord ta' liema interess qed jiġu rappreżentati lill-istituzzjonijiet, min qed jirrappreżentahom u f'isem min, liema fajls leġiż-lattivi huma mmirati u liema riżorsi huma ddedikati għall-attivitajiet relatati. Hija l-għoddha ewlenja tal-UE għall-promozzjoni ta' rappreżentanza tal-interessi trasparenti u etika u biex jiżdiedu l-ftuħ u l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili fil-proċess demokratiku tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea joperaw ir-Reġistru ta' Trasparenza b'mod konġunt, fuq il-bażi tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) adottat fl-2021¹. Il-FII jistabbilixxi Reġistru ta' Trasparenza obbligatorju u jipprevedi li l-firmatarji jagħmlu r-reġistrazzjoni prekundizzjoni għal ċerti attivitajiet ewlenin ta' lobbying. Barra minn hekk, jistabbilixxi l-informazzjoni dettaljata li r-reġistranti huma meħtieġa jipprovdu fir-Reġistru ta' Trasparenza, kif ukoll kodiċi ta' kondotta li jridu jirrispettaw.

F'konformità mal-Artikolu 13 tal-FII, dan ir-rapport fih informazzjoni fattwali dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza, il-kontenut tiegħu u kull bidla introdotta matul il-perjodu ta' rapportar. Huwa jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari li bħalissa huma fis-seħħi fl-istituzzjonijiet firmatarji.

¹ Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza, ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.

1. Governanza

Ir-Reġistru ta' Trasparenza għandu struttura ta' governanza f'żewġ livelli: Bord tat-Tmexxija li jipprovi sorveljanza u direzzjoni ġenerali dwar ir-reġistru u Segretarjat inkarigat mill-ġestjoni ta' kuljum tiegħu.

Il-Bord tat-Tmexxija jiżgura l-implementazzjoni ġenerali tal-FII. F'dan il-kuntest, huwa responsabbi biex jidtixx l-htigġijiet u l-prioritajiet għar-Reġistru ta' Trasparenza, jadotta r-r-rapport annwali dwar il-funzjonament tiegħu u joħroġ struzzjonijiet ġenerali lis-Segretarjat. Huwa għandu wkoll il-kompli li jeżamina u li jiddeċiedi dwar kull talba għal rieżami tal-miżuri li jkunu ġew applikati mis-Segretarjat wara investigazzjoni.

Is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni flimkien jiffurmaw il-Bord tat-Tmexxija. Jiltaqgħu mill-anqas darba fis-sena u kull Segretarju Ġenerali jkollu l-presidenza għal mandat annwali. Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew ippreseda l-Bord tat-Tmexxija fl-2022.

Is-Segretarjat joffri gwida dwar il-proċess ta' reġistrazzjoni lir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa, jimmonitorja u jivverifika l-elīgibbiltà tal-applikazzjonijiet, u jwettaq kontrolli fuq il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mir-reġistranti. Huwa jittratta lmenti li jikkonċernaw ksur allegat tal-kodiċi ta' kondotta mir-reġistranti u jista' jaapplika miżuri fejn iqis li l-kodiċi ma ġiex osservat b'mod xieraq. Is-Segretarjat iħejji wkoll ir-rapport annwali u joħloq sensibilizzazzjoni dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza (ara t-Taqsima IV).

Is-Segretarjat huwa magħmul minn persunal mit-tliet istituzzjonijiet firmatarji, li bħalissa jammonta għal 10 impjegati full-time. Huwa rrappreżentat fil-Bord tat-Tmexxija u fil-pubbliku minn Koordinatur, li issorvelja l-operazzjonijiet ta' kuljum. Fl-2022, il-kap tal-unità responsabbi għat-trasparenza fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni kien il-Koordinatur maħtur tas-Segretarjat.

Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-governanza tar-Reġistru ta' Trasparenza tinsab fis-[sit web](#) tiegħu.

2. Implementazzjoni tar-reġistru obbligatorju

L-2022 kienet l-ewwel sena ta' implementazzjoni sħiħa tar-Reġistru ta' Trasparenza obbligatorju, wara l-publikazzjoni tal-formola l-ġdida ta' regiżazzjoni f'Settembru 2021 u l-perjodu ta' tranżizzjoni sussegwenti għar-reġistranti biex jemendaw l-entrati tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti l-ġoddha ta' informazzjoni.

Is-Segretarjat issorvelja t-tranżizzjoni finali għas-sistema l-ġdida, u estenda d-data ta' skadenza inizjali mill-20 ta' Marzu sat-30 ta' April 2022 biex jagħti l-opportunità li jaderixxi mas-sistema l-ġdida l-akbar għadd ta' registratori possibbli. Total ta' 87 % tar-registratori fir-Reġistru ta' Trasparenza fl-20 ta' Settembru 2021 emendaw ir-regiżazzjoni tagħihom u 1 496 registrator tneħħew mir-reġistru. Ir-registratori li tneħħew iżommu l-possibbiltà li jippreżentaw applikazzjoni ġdida għar-regiżazzjoni fir-Reġistru ta' Trasparenza u, meta jiġu rreġistrati, jirċievu numru ta' identifikazzjoni ġdid. Bħal fil-każ tal-applikazzjonijiet il-ġoddha kollha, is-Segretarjat jivverifika l-elīgibbiltà tal-applikant u l-kwalità ġenerali tad-data tal-applikazzjonijiet qabel ma jattiva r-regiżazzjoni fir-reġistru.

Biex joħloq is-sensibilizzazzjoni u jiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' rappreżentanti ta' interessa fis-sistema l-ġdida, is-Segretarjat jipprovdi assistenza prattika permezz tal-helpdesk **bigwida** pass pass dwar il-proċess ta' reġistrazzjoni u Mistoqsijiet Frekwenti fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasprenza.

III. Miżuri ta' kundizzjonalità u ta' trasparenza komplementari

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jadottaw, permezz ta' deċiżjonijiet individwali, miżuri ta' kundizzjonalità li permezz tagħhom ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Trasprenza hija prekundizzjoni biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa ikunu jistgħu jwettqu ġerti attivitajiet ewlenin ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interessa. It-tliet iſtituzzjonijiet jistgħu jadottaw ukoll miżuri ta' trasparenza komplementari biex ikomplu jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni u jsaħħu l-qafas konġunt stabbilit mill-FII.

Il-miżuri ta' trasparenza kumplementari u ta' kundizzjonalità li bħalissa huma fis-seħħ f'kull waħda mit-tliet iſtituzzjonijiet huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

Iſtituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji oħra tal-UE, kif ukoll Stati Membri fir-rigward tar-rappreżentazzjonijiet permanenti tagħhom lill-UE, jistgħu jinnotifikaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar miżuri ta' trasparenza kumplementari u ta' kundizzjonalità li jadottaw u jitkolu għall-publikazzjoni tagħhom fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasprenza. Fl-2022, ma ġiet ikkomunikata l-ebda notifika bħal din lill-Bord tat-Tmexxija, iżda saru diskussjonijiet fil-livell tas-servizz ma' għadd ta' korpi oħra tal-UE bi twiegħiba għal mistoqsijiet.

L-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li japplikaw miżura ta' kondizzjonalità matul il-Prezidenza tagħhom tal-Kunsill u fis-sitt xhur ta' qabel, billi jagħmlu laqgħat bejn ir-Rappreżentant Permanenti rispettiv tagħhom u l-Viċi Rappreżentant Permanenti għall-UE u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa bil-kundizzjoni li dawn tal-aħħar jirreġistraw fir-Reġistru ta' Trasprenza.

Din il-miżura ta' kundizzjonalità tapplika għal-laqgħat organizzati mar-Rappreżentant Permanenti u mad-Deputat Rappreżentant Permanenti meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom għall-Prezidenza tal-Kunsill attwali jew għall-Prezidenza tal-Kunsill li jmiss². Għalhekk, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa ma jistgħux jipparteċipaw f'tali laqgħat sakemm ma jkunux irregistrali. Fl-2022, dan kien japplika għall-Franza³ u għaċ-Čekja⁴ billi kellhom il-Prezidenza tal-Kunsill tal-UE, u għall-Iż-zejt⁵ bħala l-Prezidenza li kien imiss.

Lista ta' miżuri ta' kundizzjonalità u ta' miżuri oħra ta' trasparenza attwalment fis-seħħ fl-iſtituzzjonijiet tal-UE tinsab ukoll fil-paġna ddedikata tas-sit web tar-Reġistru ta' Trasprenza.

² <https://ec.europa.eu/transparencyregister/public/openFile.do?fileName=Transparency%20register%20-%20Member%20states%27%20political%20declaration.EN.pdf>

³ <https://ue.delegfrance.org/registre-de-transparence>

⁴ Iċ-Ċekja ffīrmat fir-Reġistru ta' Trasprenza |Ir-Rappreżentanza Permanenti taċ-Ċekja għall-Unjoni Ewropea (mzv.cz).

⁵ Oppenhetsregistret - Regeringen.se

Il-Parlament Ewropew

Filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-mandat speċifiku tagħhom, huwa rrakkomandat⁶ li l-Membri tal-Parlament Ewropew jiltaqgħu biss ma' dawk ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza. Il-membri kollha huma mħeġġa wkoll jippubblikaw dawn il-laqgħat fuq il-paġni tal-profil individwali tagħhom fis-[sit web uffiċjali](#) tal-Parlament.

Ir-relaturi, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitat huma, madankollu, meħtieġa jippubblikaw il-laqgħat skedati kollha mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa għal kull rapport parlamentari. Id-data ppubblikata trid turi d-data u t-tip ta' laqgħa li saret, is-suġġett tal-laqgħa, ir-rappreżentant ta' interessa preżenti u r-rwol tal-Membru (jiġifieri bħala relatur, shadow rapporteur, president tal-kumitat jew bħala Membru mingħajr ebda responsabbiltà allokata għall-fajl). Mill-15 ta' Jannar 2023, il-Membri kienu ddikjaraw 12 040 laqgħa għas-sena kalendarja 2022. Mill-bidu tal-leġiżatura, 481 Membru ddikjaraw mill-inqas laqgħa waħda, li minnhom 54 għamlu dan għall-ewwel darba fl-2022.

Il-personal tal-Parlament, kif tabilħaqq l-impiegati kollha taċ-ċivil tal-UE, huma meħtieġa li jżommu l-indipendenza professjonal u personali tagħhom f'kull ħin. Għalhekk, huma għandhom jaġixxu b'mod konsistenti mal-indipendenza tal-pożizzjoni tagħhom u huwa rrakkomandat li jivverifikaw li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa ikunu rreġistrati qabel ma jiltaqgħu magħhom jew jaċċettaw stedina għal avveniment organizzat minnhom.

Bħala miżura ta' kundizzjonalità, il-Parlament Ewropew jirrikjedi li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa ikunu rreġistrati sabiex jipparteċipaw f'intergruppi jew f'aktivitajiet oħra mhux uffiċjali tal-grupp⁷. Jirrikjedi wkoll⁸ li l-kelliema fis-seduti tal-kumitat tiegħi jiġu rreġistrati qabel is-seduta ta' smiġħ. Huwa importanti li l-Parlament Ewropew jipprevedi li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa irreġistrati biss jistgħu jinħarġulhom badges ta' aċċess fit-tul għall-bini tiegħi. Mill-31 ta' Diċembru 2022, mit-12 425 entità rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza, 2 030 kellhom mill-inqas rappreżentant akkreditat wieħed għall-Parlament. Fl-2022, total ta' 8 604 individwi kellhom akkreditazzjoni attiva; bħala medja, dan issarraf f'4,24 rappreżentant għal kull organizzazzjoni. Fl-2022, il-Parlament ħareġ 6 131 badge ta' aċċess lir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa mir-Reġistru ta' Trasparenza.

Il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-personal tiegħi jivverifikasi r-reġistrazzjoni ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa qabel ma jseħħu avvenimenti interni. Jirrakkomanda wkoll lill-Membri tiegħi li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa li magħhom iridu jikkoospitaw jew jikkoorganizzaw avveniment fil-bini tal-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġu rregistrati¹⁰.

Il-Kunsill tal-UE

Kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/929¹¹, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Trasparenza hija prekundizzjoni biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa jiltaqgħu mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew mad-Diretturi Ġenerali. L-istess regola tapplika għall-

⁶ [Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew](#) (Regola 11(2)).

⁷ [Regoli ta' Proċedura tal-PE](#): Regola 35(5).

⁸ L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2003 .

⁹ L-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

¹⁰ Deċiżjoni tal-Bureau tal-PE tal-4 ta' Lulju 2016.

¹¹ ĠU L 207, tal-11.6.2021, p. 19.

parteċipazzjoni minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fil-kapaċità professjonal tagħhom, f'laqgħat ta' informazzjoni tematiki organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (fejn adatt u wara konsultazzjoni mal-Presidenza) jew bħala kelliema f'avvenimenti pubbliċi organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Il-persunal huwa mitlub ukoll jivverifika l-kredenzjali tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex jiżgura li jkollhom entrata fir-Reġistru ta' Trasparenza. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-persunal jenħtieġ li jikkunsidra bir-reqqa l-adegwatezza tal-laqgħat, u jikkonsulta mas-superjur ġerarkiku tiegħu¹².

Bħala miżura ulterjuri biex tittejjeb it-trasparenza u titħeqx ir-registrattori, l-istediniet lir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex jattendu laqgħa tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu jenħtieġ li jkunu bil-kundizzjoni li dawn jiġu rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza. In-numru ta' registratori tagħhom jenħtieġ li jiġi rreġistrat fl-agħda proviżorja. Ir-rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jinkludi informazzjoni rilevanti dwar l-attendenza ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fil-laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu¹³.

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni għandha regoli stretti fis-seħħi fir-rigward tal-kuntatti u l-interazzjonijiet tagħha mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess. B'mod partikolari, tirrikjedi li l-Membri kollha tal-Kummissjoni, il-membri tal-Kabinet tagħhom u d-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza. Dan l-obbligu, minqux fil-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea¹⁴ u l-Metodi ta' Hidma¹⁵ tal-Kummissjoni, ifisser li rappreżentant ta' interess jeħtieġ li jiġi rreġistrat qabel ma jsiru tali laqgħat.

Il-Kummissjoni tikkomplementa r-regola tagħha ta' "mhux fir-Reġistru ta' Trasparenza, l-ebda laqgħa" mal-miżura ta' trasparenza li tippubblika informazzjoni online dwar dawn il-laqgħat kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess (irrегистrati), f'konformità mad-Deċiżjonijiet tagħha 2014/838/UE, Euratom¹⁶ u 2014/839/UE, Euratom¹⁷. Fl-2022, il-Kummissjoni ppubblikat informazzjoni dwar il-laqgħat¹⁸ li saru ma' 2 099 reġistrant. Dawk ir-reġistranti kellhom 4 416-il laqgħa mal-Membri tal-Kummissjoni u/jew membri tal-Kabinetti tagħhom u 686 laqgħa mad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni¹⁹. Din l-

¹² Nota tal-persunal CP 35/21 u Nota tal-persunal CP 42/22.

¹³ Linji gwida dwar l-attendenza okkażjonal ta' terzi persuni, inklużi rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fil-laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu, 22 ta' Lulju 2021.

¹⁴ L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2018 dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea (C(2018) 700), ĠU C 65, 21.2.2018, p. 7

¹⁵ Il-punt V tal-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/838/UE, Euratom tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li jsiru bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni u organizazzjonijiet jew persuni li jaħdmu għal rashom, ĠU L 343, 28.11.2014, p. 19-21.

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/839/UE, Euratom tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat li saru bejn Membri tal-Kummissjoni u organizazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom, ĠU L 343, 28.11.2014, p. 22-24.

¹⁸ L-informazzjoni li ssir pubblika tikkonsisti fid-data tal-laqgħa, il-lokalità, l-isem tal-Membri tal-Kummissjoni u/jew il-Membri tal-Kabinet jew id-Direttur Ġenerali, l-isem tar-rappreżentant ta' grupp ta' interess, jiġifieri l-organizzazzjoni jew l-individwu li jaħdem għal rasu u s-suġġett tal-laqgħa. Din tiġi ppubblikata fi żmien ġimħajnej wara l-laqgħa.

¹⁹ L-istess reġistrant jista' jkun ikkonċernat minn aktar minn laqgħa waħda.

informazzjoni, minbarra li tiġi ppubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni²⁰, hija disponibbli wkoll fl-entrati fir-Reġistru ta' Trasparenza għar-reġistranti rilevanti bħala fajl PDF li jista' jitniżżejjel. Fl-2022, il-Kummissjoni għamlet is-settijiet ta' *data* kkonsolidati tal-laqgħat li saru mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess disponibbli għall-pubbliku fis-[sit web data.europa.eu](#) kemm f'format li jinqara minn magna kif ukoll f'format Excel. Dan jippermetti lill-partijiet interessati u lill-pubbliku jkollhom aċċess faċili għal dik l-informazzjoni b'mod komprensiv u li jkunu jistgħu jipproċessawha biex jiksbu informazzjoni rilevanti.

Fir-rigward tal-amministrazzjoni tagħha taħt il-livell ta' Direttur ġGenerali, il-Gwida Prattika tal-Kummissjoni dwar l-Etika u l-Imġiba tal-Persunal fiha rakkmandazzjoni standard lill-persunal kollu tagħha biex jivverifika l-kredenzjali tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex jiġi żgurat li dawn jiddaħħlu fir-Reġistru ta' Trasparenza. Jekk ma jkunux fir-Reġistru, il-persunal huwa avżat biex dejjem jistedinhom jirregistraraw qabel ma jagħmlu xi kuntatt ieħor.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'konformità mar-regoli rilevanti tagħha²¹, taħtar biss rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irregistrarati għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. Dan ir-rekwiżit ta' registratori minn qabel japplika kemm għall-membri tat-Tip "B"²² kif ukoll għal dawk tat-tip "C"²³. Jekk dawn il-membri jiġu sospiżi jew jitneħħew mir-Reġistru ta' Trasparenza, il-Kummissjoni tissospendihom mill-grupp/gruppi ta' esperti li jkunu membri tiegħu, sakemm ir-registratori tagħhom fir-Reġistru ta' Trasparenza tkun ġiet stabbilita mill-ġdid.

Bħala miżura oħra biex ittejjeb it-trasparenza u tinkoraġġixxi r-registratori, il-Kummissjoni tipprovdi twissijiet awtomatiċi lir-reġistranti li jkunu speċifikaw interess f'qasam ta' politika partikolari, filwaqt li tinnotifikahom bit-tnejja ta' konsultazzjonijiet pubbliċi jew pjaniżiet direzzjonal fl-oqsma rilevanti. Il-kontribuzzjonijiet mir-reġistranti jiġu pproċessati wkoll separatament minn dawk ta' rispondenti mhux irregistrarati²⁴.

IV. Attivitajiet tas-Segretarjat tar-Reġistru ta' Trasparenza

Fl-2022, il-prioritajiet annwali ġenerali ddeterminati mill-Bord tat-Tmexxija għar-Reġistru ta' Trasparenza kien:

- reġistru kompletament operattiv;
- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri interni;
- titjib fil-kwalità tad-*data* u sigurtà aħjar għall-utenti tar-Reġistru ta' Trasparenza;
- attivitajiet kontinwi ta' sensibilizzazzjoni; kif ukoll
- kooperazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-awditu mħabbar tagħhom tar-Reġistru ta' Trasparenza.

²⁰ B'mod partikolari, il-paġni web iddedikati għat-trasparenza tas-siti web tal-Membri tal-Kummissjoni, u tad-Direttorati ġGenerali tal-Kummissjoni rispettivament.

²¹ L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (C(2016)3301).

²² Individwi maħtura biex jirrapreżentaw interess komuni maqsum bejn il-partijiet ikkonċernati f'qasam ta' politika partikolari.

²³ Organizzazzjonijiet fis-sens wiesa', inklużi kumpaniji, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, trade unions, universitajiet, istituti ta' riċerka, ditti legali u konsulenzi.

²⁴ Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni Ewropea (SWD(2017) 350), b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-Kapitolu VII dwar il-Konsultazzjoni mal-Partijiet Ikkonċernati.

Is-Segretarjat ħadim biex iwettaq dawn il-prioritajiet annwali, inkluż billi għalaq il-perjodu ta' tranżizzjoni għar-reġistranti, saħħaħ il-verifika tal-eliġibbiltà tiegħu, żied l-assistenza tal-helpdesk u introduċa għadd ta' titjibet għall-pjattaforma tal-IT flimkien mal-aktivitajiet ta' kuljum tagħha, spjegati hawn taħt.

1. Monitoraġġ tal-kwalità tad-data

Ir-Reġistru ta' Trasparenza joffri stampa tal-aktivitajiet attwali ta' lobbying imwettqa minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess dwar il-formulazzjoni jew l-implementazzjoni reċenti taċ-ċikli ta' politika u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi dettalji speċifiċi dwar il-proposti leġiżlattivi ewlenin jew il-politiki mmirati. Dan jiispjega għaliex id-data qed tinbidel kontinwament, u għaliex xi rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jirreġistraw biss għal perjodu limitat, filwaqt li oħrajn jistgħu jibqgħu fil-bażi tad-data għal perjodu ta' żmien itwal.

Billi jirreġistraw, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jippenjaw ruħhom li jipprovdu informazzjoni li tkun kompluta, aġġornata- u li ma tiżgwidax fil-mument tar-reġistrazzjoni, u li fl-aħħar mill-aħħar ikunu responsabbi għall-preċiżjoni tad-data tar-reġistrazzjoni tagħhom. Għal dan il-għan, ir-reġistranti huma mħeġġa jirrieżaminaw u jaġġornaw l-informazzjoni pprovduta hekk kif isseħħ kwalunkwe bidla kbira u jridu jwettqu aġġornament annwali obbligatorju tar-reġistrazzjoni biex jibqgħu fir-Reġistru ta' Trasparenza.

L-iżgħur tal-aħjar kwalità possibbli tad-data fir-Reġistru ta' Trasparenza huwa wieħed mill-kompli ewlenin tas-Segretarjat. Fil-kuntest tal-aktivitajiet ta' monitoraġġ ġenerali tiegħu fl-2022, is-Segretarjat ivverifika għadd totali ta' 6 816-il entità²⁵ li jew applikaw għar-reġistrazzjoni jew li digħi ddaħħlu fir-Reġistru ta' Trasparenza²⁶, li huwa aktar mid-doppju tal-għadd ta' verifikasi mwettqa s-sena ta' qabel. Dawn il-verifikasi kienu jikkonsistu fi skrinjar imwettaq fl-istadju tal-applikazzjoni, verifikasi tal-kwalità mmirati ta' entitajiet digħi rreġistrati u kull verifika addizzjonal i-mwettqa fil-kuntest tal-proċeduri ta' investigazzjoni.

Stadju ta' applikazzjoni: Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-għadd totali ta' reġistranti naqas b'mod generali²⁷ iż-żidha l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli fir-reġistru żidet b'mod parallel. Is-Segretarjat jivvaluta l-el-ġibbiltà u l-kwalità tad-data tal-applikazzjoni ġoddha kollha għar-reġistrazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jiġi vvalidati u ppubblikati fir-reġistru. Dan jgħin biex jittejbu kemm ir-rilevanza kif ukoll il-konsistenza tad-data pprovduta. Mill-2 976 applikazzjoni li waslu fl-2022 (+/- tmienja kuljum), 1 817 (61 %) ġew aċċettati u attivati wara l-proċess ta' verifikasi, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jeħtieġ aġġornament jew korrezzjoni mill-applikant.

²⁵ Xi entitajiet saritilhom aktar minn verifika waħda fl-2022 u għalhekk l-għadd totali ta' verifikasi kien ogħla.

²⁶ Fl-2021, twettqu total ta' 3 360 verifika fuq il-kontenut tar-reġistru, li kien aktar baxx minħabba t-tranżizzjoni għas-sistema obbligatorja l-ġdidha.

²⁷ Tnaqqis minn 13 366 reġistrant fl-31 ta' Diċembru 2021 għal 12 425 fl-31 ta' Diċembru 2022.

Verifikasi mmirati: Flimkien mal-verifikasi ta' kuljum tiegħu, is-Segretarjat jadotta wkoll approċċ aktar immirat, b'mod partikolati f'ċirkostanzi meta jkollu raġunijiet biex jemmen li r-reġistrazzjonijiet ma jipprovdut b'mod akkurat l-informazzjoni meħtieġa. Fl-2022 is-Segretarjat wettaq 4 238 verifika mmirata ta' kwalità. Minn dawn:

- 1 872 verifika pprovdekk kwalità sodisfaċenti tad-data (44,1 %);
- 1 492 reġistrant li ġew ikkuntattjati aġġornaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom (35,2 %);
- 578 tneħħew mir-reġistru wara l-verifikasi, għal raġunijiet ta' inelgħibbiltà jew minħabba n-nuqqas ta' aġġornament (13,6 %);
- 296 kienu għadhom pendenti fi tmiem l-2022 (6,9 %).

Billi l-verifikasi mmirati jiffukaw fuq reġistrazzjonijiet fejn instabel inkonsistenza jew probabbiltà ta' inkonsistenza, ir-rata ta' *data* mhux plawżibbli jew insuffiċjenti għal dawn ir-reġistrazzjonijiet hija mistennija li tkun għolja mill-bidu nett. F'Settembru 2022, żewġ organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi fi kwistjonijiet ta' trasparenza²⁸ ppreżentaw lista lill-istituzzjonijiet ta' 431 entrata speċifika ta' nfiq allegatament minfuħ ta' lobbying jew kategorizzazzjoni żabaljata tal-interessi rappreżentati. Is-Segretarjat wettaq verifika bir-reqqa fuq dawn l-entrati kollha²⁹ għall-kwistjonijiet enfasizzati u xi inkonsistenza oħra, u solva l-kwistjonijiet b'rata għolja ta' succcess (3 % biss kienu korretti mill-bidu nett, f'59 % tal-każijiet ir-reġistrant ipprovda aġġornament sodisfaċenti u 38 % tneħħew mir-reġistru).

2. Servizz ta' helpdesk

Is-Segretarjat jipprovdi servizz ta' helpdesk biex iwieġeb it-tipi kollha ta' mistoqsijiet dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza permezz ta' sit web multilingwi (it-tab “Ikkuntattjana”), miftuħ għall-applikanti u r-reġistranti u għall-pubbliku. Is-Segretarjat jipprova jiprovdi assistenza malajr kemm jista’ jkun - ġeneralment iwieġeb fi żmien 48 siegħa.

Fl-2022, is-Segretarjat wieġeb għal 2 056 mistoqsija, li kienu jinkludu talbiet għal informazzjoni dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza mill-partijiet ikkonċernati, minn riċerkaturi u minn individwi, kif ukoll talbiet għal appoġġ u gwida tekniċi mill-applikanti u mir-reġistranti matul il-proċess tar-reġistrazzjoni jew meta kien hemm diffikultajiet tekniċi. L-għadd ta' mistoqsijiet riċevuti kien konsiderevolment ogħla milli fl-2021, li x'aktarx kien riżultat tal-iskema l-ġdida fis-seħħ³⁰. Għadd partikolarmen għoli ta' reġistranti fittxew assistenza meta ppruvaw jaċċessaw ir-reġistrazzjoni tagħhom bis-sistema l-ġdida ta' awtentikazzjoni tal-EU Login, introdotta fl-2022 biex tiprovdi lill-utenti b'esperjenza aktar sigura (ara t-Taqsima 6 dwar l-iżviluppi tekniċi).

3. Investigazzjonijiet

Minbarra l-monitoraġġ tal-kwalità tad-data fir-Reġistru ta' Trasparenza, is-Segretarjat jittratta l-ilmenti li jaslu u jwettaq investigazzjonijiet b'inizjattiva prorrja f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness III tal-FII. B'dan il-mod, is-Segretarjat jaġixxi f'konformità mal-prinċipji sottostanti tal-proporzjonalità u ta' amministrazzjoni ta' tajba.

²⁸ Il-Corporate Europe Observatory u l-LobbyControl.

²⁹ Ir-reġistranti kollha kkonċernati ġew irregistratori bil-FII preċedenti, jiġifieri, qabel Settembru 2021, iżda r-reġistrazzjonijiet emendati tagħhom li jadattaw għar-rekwiżiti ta' informazzjoni li jirriżultaw mill-qafas legali l-ġdid kienu għadhom ma rċevelx verifika tal-kwalità mis-Segretarjat.

³⁰ Fl-2021, is-Segretarjat wieġeb 1 255 mistoqsija u talba.

“Ilment” tirreferi għal proċedura li tikkonċerna allegazzjonijiet miġjuba għall-attenzjoni tas-Segretarjat dwar nuqqas ta’ osservanza min-naħħa ta’ reġistrant partikolari tal-kodiċi ta’ kondotta. Kull persuna fiziċka jew ġuridika li tagħmel tali allegazzjonijiet kontra reġistrant tista’ tippreżenta ilment quddiem is-Segretarjat billi timla l-formola rilevanti fis-[sit web](#) tar-Reġistru ta’ Traspazenza u tripprovdi evidenza.

“Investigazzjoni b’inizjattiva propria” tirreferi għal proċedura li biha s-Segretarjat jeżamina jekk reġistrant partikolari jkunx eliġibbli li jibqa’ fir-registro, fid-dawl tal-informazzjoni riċevuta jew identifikata, li tista’ tindika ineliġibbiltà biex tibqa’ fir-registro jew minħabba nuqqas ta’ attivitajiet rilevanti jew nuqqas ta’ osservanza tal-kodiċi ta’ kondotta.

Fl-2022, is-Segretarjat għalaq b’suċċess ħames lmenti li kienu għadhom pendent mis-sena preċedenti, wara li r-reġistranti rispettivi aġġornaw ir-reġistrazzjoni tagħhom jew b’mod ieħor ipprovdex spjegazzjonijiet sodisfaċenti.

Fl-2022, is-Segretarjat irċieva 65 ilment ġdid. Dan l-għadd kbir ġafna ta’ lmenti meta mqabel mas-sena ta’ qabel³¹ jenfasizza l-viżibbiltà dejjem tikber tar-Reġistru ta’ Traspazenza obbligatorju u tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu. Minn dawn l-ilmenti, 10 instabu li kien inammissibbli, billi ma kinux relatati ma’ kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Reġistru ta’ Traspazenza (pereż ilment personali jew ilmenti relatati mal-konsumatur). Mill-55 ilment ammissibbli, 44 ingħalqu fl-2022 b’eżitu pożittiv f’termini ta’ kooperazzjoni sħiħa tar-reġistranti kkonċernati, u l-11 li kien fadal kienu għadhom qed jiġu investigati fi tmiem is-sena. Aktar minn nofs l-ilmenti ammissibbli kienu jikkonċernaw l-allegat nuqqas ta’ osservanza tal-punt (f) tal-kodiċi ta’ kondotta mir-reġistranti kkonċernati, f’termini ta’ akkuratezza u kompletezza tal-informazzjoni pprovduta fir-reġistrazzjoni. Dawn il-każijiet ġew solvuti mir-reġistranti kkonċernati fi żmien l-iskadenza ta’ 20 jum tax-xogħol minn meta waslet in-notifika.

Każijiet oħra kienu marbuta ma’ allegat ksur tal-punt (b) tal-kodiċi, fejn ir-reġistranti jridu jispeċifikaw il-klijenti jew il-membri li jirrappreżentaw. F’termini ta’ aspettattivi pubbliċi, jidher ċar li hemm tħassib dejjem jikber dwar l-interessi sottostanti promossi minn xi organizzazzjoni partikolari f’termini ta’ affiljazzjoni, sħubija u saħansitra sponsorizzazzjoni, li hija informazzjoni li trid tīgi pprovduta fir-reġistrazzjoni.

Meta jittratta investigazzjoni, is-Segretarjat dejjem ifittem allegat mar-reġistrant/reġistranti rilevanti biex jikkjarifika u jsolvi l-kwistjonijiet identifikati, kemm jista’ jkun qabel ma jieħu xi miżura meħtieġa. Fl-2022, is-Segretarjat ma sabx li kien meħtieġ li japplika miżuri skont il-punt 8 tal-Anness III tal-FII kontra registrator.

Fl-2022, is-Segretarjat fetaħ 13-il każ ta’ investigazzjoni propria kontra entitajiet irregistratori, li minnhom ħamsa kienu għadhom għaddejjin fi tmiem is-sena.

B’mod partikolari, fil-kuntest tal-miżuri adottati fil-livell tal-UE b’reazzjoni għall-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russia kontra l-Ukrajna, il-Bord tat-Tmexxija tar-Reġistru ta’ Traspazenza, fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta’ Lulju 2022, ġareġ struzzjonijiet ġenerali lis-Segretarjat biex jinvestiga r-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interessa irregistratori kollha bil-kwartieri ġenerali fil-Federazzjoni Russa għal ksur possibbli tal-punt (e)³² tal-kodiċi ta’ kondotta, u biex jissospendi

³¹ Fl-2021, is-Segretarjat irċieva 29 ilment ġdid.

³² (e) ma ssirx ħsara lir-reputazzjoni tar-registro jew preġudizzju fil-konfront tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jew jintużaw il-logos tagħhom mingħajr awtorizzazzjoni espliċita (l-Anness I tal-FII).

r-reġistrazzjonijiet tagħhom bħala miżura ta' prekawzjoni. Is-Segretarjat fetaħ investigazzjonijiet dwar 10 reġistranti f'dan il-kuntest. Sa tmiem is-sena, seba' minn dawn l-investigazzjonijiet kienu ngħalqu, bis-sospensjoni li tneħħiet fir-rigward ta' żewġ reġistranti, filwaqt li r-reġistranti l-oħra jew neħħew ir-reġistrazzjonijiet tagħhom bl-inizjattiva tagħhom stess jew instabu li kienu inelgħibbi li jibqgħu fir-reġistru. Il-każijiet kollha ngħalqu fil-bidu tal-2023.

Fid-dawl ta' dan il-kuntest internazzjonal, is-Segretarjat joħloq sensibilizzazzjoni dwar is-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 tat-3 ta' Ġunju 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 128) u r-rilevanza tagħha għall-applikanti u r-reġistranti. Din id-deċiżjoni tista' taffettwa rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jipprovdu servizzi ta' konsulenza kummerċjali u maniġerjali jew servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

4. Laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-2022

Is-Segretarjat hejjha t-tieni laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija, li saret fit-12 ta' Lulju 2022. F'dik il-laqgħa, il-Bord tat-Tmexxija ħa d-deċiżjonijiet li ġejjin:

- ikkonferma r-rotazzjoni tal-presidenza miftehma fil-laqgħa inawgurali tiegħu u l-presidenza tal-Kunsill tal-Bord ta' Tmexxija fl-2023;
- ġatar mill-ġdid lill-kap tal-unità responsabbi għal kwistjonijiet ta' trasparenza fil-Kummissjoni bħala Koordinatur tas-Segretarjat għal terminu addizzjonal ta' sena, sa tmiem l-2023;
- adotta r-rapport annwali għall-2021, qabel li jippreżentah lill-istituzzjonijiet firmatarji u li jippubblikah fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza;
- iddetermina l-prioritajiet annwali għar-Reġistru ta' Trasparenza fl-2023, flimkien mal-estimi u mal-ishma tal-baġit għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prioritajiet għal kull istituzzjoni firmatarja³³;
- ġa nota tal-valutazzjoni tas-Segretarjat tal-pjattaforma tal-IT ta' 10 snin li tappoġġa l-funzjonament tar-Reġistru ta' Trasparenza u ta struzzonijiet lis-Segretarjat biex iniedi proġett għal riformulazzjoni sħiħa tal-għoddha;
- ġareġ l-istruzzjonijiet ġenerali lis-Segretarjat imsemmi hawn fuq.

Id-dokumenti kollha dwar il-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija, inklużi l-aġenda u l-minuti tal-laqgħa, ġew ippubblikati fis-sottopaġna ta' governanza tas-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza.

5. Gwida u sensibilizzazzjoni

Is-Segretarjat joħroġ gwida biex jiċċara u jispjega f'aktar dettall ġerti dispożizzjonijiet tal-FII. Din il-gwida hija r-riżultat ta' skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u għandha l-għan li tappoġġa lill-applikanti u lir-reġistranti fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu informazzjoni akkurata u jevitaw żbalji komuni.

³³ Għall-2023, l-estimi tal-baġit jistgħu jinstabu fis-sit web. Ġew miftiehma l-ishma li ġejjin: Il-Kummissjoni: 57 %; Il-Parlament: 33 %; Il-Kunsill: 10 %.

Meta jwettaq l-aktivitajiet ta' monitoraġġ tiegħu, is-Segretarjat jiġi jistieden ukoll lill-entitajiet biex jirregistrar fir-Reġistru ta' Trasparenza, fejn rilevanti. Is-Segretarjat iwettaq attivitajiet regolari ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni biex joħloq kuxjenza dwar l-għodda fost il-partijiet ikkonċernati. Fl-2022 dan kien jinkludi sessjonijiet ta' informazzjoni u skambji li saru ma' diversi partijiet ikkonċernati³⁴ u studenti universitarji³⁵ kif ukoll kuntatti u l-iskambju tal-aħjar prattika ma' korpi simili fil-livell nazzjonali jew Ewropew³⁶.

It-tliet istituzzjonijiet komplew bl-isforzi tagħhom biex joħolqu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza f'kull istituzzjoni, permezz ta' sessjonijiet iddedikati ta' informazzjoni u taħriġ għall-persuna³⁷.

6. Żviluppi tekniċi

Is-Segretarjat jikkoordina l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT biex itejjeb ir-Reġistru ta' Trasparenza.

Mit-3 ta' Ottubru 2022, is-Segretarjat introduċa l-EU Login bħala metodu ta' awtentikazzjoni aktar sigur għall-utenti tar-Reġistru ta' Trasparenza. L-EU Login huwa l-għodda ta' awtentikazzjoni li issa qed tintuża għal għadd ta' applikazzjonijiet u sistemi tal-UE. Din l-għodda żżid is-sigurtà tal-aċċess billi tuża teknoloġija żviluppata u miżmuma b'mod kostanti minn tim ta' speċjalisti tas-sigurtà. Il-metodu l-ġdid ta' awtentikazzjoni jtejjeb is-sigurtà tas-sistema tar-Reġistru ta' Trasparenza, billi jissostitwixxi l-kont kondiviż uniku preċedenti għal kull organizzazzjoni b'identifikazzjoni personali bbażata fuq il-kontijiet tal-utent għal kull utent individwali. Ġew implementati miżuri addizzjonal ta' salvagwardja, bħal politika aktar restrittiva dwar il-password u awtentikazzjoni b'żewġ fatturi. Biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida ta' awtentikazzjoni, is-Segretarjat ippubblika [Mistoqsijiet Frekwenti \(FAQs\) dettaljati](#) fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza.

Fl-2022, b'segwitu għall-istruzzjonijiet li rċieva l-Bord tat-Tmexxija, is-Segretarjat wettaq valutazzjoni dettaljata tal-prestazzjoni tal-pjattaforma tal-IT għar-Rегистru ta' Trasparenza, billi stabbilixxa Grupp ta' Ħidma *ad hoc* tal-IT li jikkonsisti mis-servizzi rilevanti tal-IT tat-

³⁴ L-Associazzjoni tal-Konsulenzi fl-Affariji Pubbliċi Ewropej (European Public Affairs Consultancies' Association, EPACA), is-Soċjetà tal-Professjonisti fl-Affariji Ewropej (Society of European Affairs Professionals, SEAP), iċ-Ċentru Ewropew għall-Affariji Pubbliċi (The European Centre for Public Affairs, The ECPA), id-Delegazzjoni Freshfel tal-Afrika tal-Lvant, il-Kunsill tal-Affariji Pubbliċi (Public Affairs Council, PAC), l-Auge Consultario (EUVP), u l-Espertisecentrum Europa.

³⁵ L-Università ta' Maastricht (l-Istudenti tal-MA fl-Studji Ewropej u tal-Fakultà tal-Arti u x-Xjenzi Soċjali), l-Université de Rennes, l-Istitut tal-Gradwati ta' Ġinevra, il-Katholieke Universiteit Leuven u l-Hochschule Osnabrück.

³⁶ L-Awtorità Għolja Franċiża għat-Trasparenza fil-Ħajja Pubblika (HATVP), in-Network Ewropew tar-Reġistraturi tal-Lobbying (European Lobbying Registrars' Network, ELRN), il-personal tal-parlament tal-Balkani, l-Awtorità Ellenika għat-Trasparenza, is-Senat Franċiż u l-Landtag Thüringen.

³⁷ Dan jinkludi 26 sessjoni ta' informazzjoni dwar ir-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess għall-persunal u l-assistenti akkreditati fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni pprovdi ukoll ġumes sessjonijiet ta' taħriġ bħal dan lill-persunal tagħha stess, kif ukoll preżentazzjoni imfassla apposta għall-Kabinetti tal-Membri tal-Kummissjoni u għan-network tagħhom ta' punti ta' kuntatt dwar it-trasparenza u l-etika. Fil-Kunsill, ittieħdu serje ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu ppreżentati u spiegati l-FII u l-implementazzjoni prattika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/929, b'mod partikolari għall-maniġers. Il-personal tas-Segretarjat ta' wkoll kors ta' sensibilizzazzjoni ta' taħriġ dedikat mistuħ għall-maniġers u għall-persunal mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċċi u l-aġenziji tal-UE dwar il-pjattaforma tal-UE taċ-Ċentru għat-Tfassil tal-Politika tal-Kummissjoni.

tliet istituzzjonijiet. Ir-rakkomandazzjoni li tirriżulta hija li l-infrastruttura tar-Reġistru ta' Trasparenza eżistenti tīgi sostitwita bi pjattaforma diġitali ġidha tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex tadatta għal standards teknoloġiċi u ta' sigurtà tal-informazzjoni kontemporanji u ttejjeb l-esperjenza tal-utenti. Il-valutazzjoni tal-ħtieġi tan-negozju għas-sistema l-ġidha, li għandha tīgi żviluppata matul is-snini li ġejjin, bdiet fi tmiem l-2022.

7. Awđitu tal-QEA dwar il-lobbying tal-politika u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awđitu dettaljat tar-Reġistru ta' Trasparenza, intitolat “Lobbying lawmakers” biex tivvaluta jekk ir-Reġistru ta' Trasparenza huwiex għodda effettiva biex tīgi żgurata t-trasparenza tal-attivitajiet ta' lobbying fit-tfassil tal-politika tal-UE. Is-Segretarjat ikkoopera mal-awdituri mill-bidu tal-awđitu fl-14 ta' Lulju 2022, li jipprovdi l-informazzjoni u l-appoġġ kollha meħtieġa u jgħin biex jiġi żgurat li l-eżitu tal-awđitu jagħti rakkomandazzjonijiet u input utli għall-iż-żvilupp ulterjuri tar-reġistru. Ir-riżultati tal-verifika huma mistennija li jiġu ppubblikati fil-ħarifa tal-2023³⁸.

V. Statistika


Id-dħul fis-seħħħ tal-FII biddel it-tipoloġija tar-reġistranti fir-Reġistru ta' Trasparenza. Ir-reġistranti issa huma kklassifikati fi tliet tipi ta' interassi rrappreżentati, b'med med korrispondenti differenti ta' informazzjoni finanzjarja applikabbi għal kull kategorija.

1. Żvilupp tar-Reġistru ta' Trasparenza


Ir-Reġistru ta' Trasparenza kiber b'mod kostanti fid-daqs³⁹ mill-bidu tiegħu bħala bażi tad-data pubblika konguна tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea sal-iskema obbligatorja tripartitika attwali. Madankollu, wara l-implementazzjoni tal-FII l-ġdid, din ix-xejra naqset. B'mod partikolari, it-tranżizzjoni u ż-żieda fil-verifikasi tal-eliġibbiltà wasslu għal tnaqqis konsiderevoli fl-ġhadd totali ta' reġistranti, minn 13 366 għal 12 425 fi tmiem l-2022.

³⁸ Ara l-Programm ta' Ħidma tal-QEA għall-2023:
https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/WP2023/WP2023_EN.pdf

³⁹ Żieda għal 13 366 reġistranti fl-31 ta' Diċembru 2021.




It-tabella ta' hawn taħt turi l-bidliet fl-ġħadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda, filwaqt li tkopri r-reprezentanti tal-gruppi ta' interess irregistratori fuq perjodu ta' 12-il xahar, bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022, u li kienu għadhom attivi fi tmiem dak il-perjodu. L-ġħadd aktar baxx tar-reġistranti l-ġodda fl-2022 irid jitqabbel mat-total ta' 2 976 applikazzjoni li rċieva s-Segretarjat fl-2022 (+/-tmienja kuljum), billi 1 817 (61 %) biss ġew aċċettati u attivati wara verifika tal-eliġibbiltà. Il-verifika addizzjonali fl-istadju tal-applikazzjoni rriżultat f'rata ta' tkabbir aktar bil-mod f'termini ta' reġistranti ġodda meta mqabbla mas-snin preċedenti.



2. Interessi rappreżentati

Interessi rappresentati



- Reġistranti li jirrappresentaw l-interessi tagħhom
- Intermedjarji
- Ma jirrappresentawx interessi kummerċjali


Dawn ir-reġistranti l-ġodda ġew ikklassifikati fit-taqsimiet li ġejjin:

| | |
|--|-------|
| Konsulenzi professionali | 552 |
| Ditti legali | 84 |
| Konsulenti li jaħdmu għal rashom | 143 |
| Kumpaniji u gruppi | 3 035 |
| Assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tan-negozju | 2 630 |
| Trade unions u assoċjazzjonijiet professionali | 967 |
| Organizzazzjonijiet mhux governattivi, pjattaformi u networks, u oħrajn simili | 3 483 |
| Gruppi ta' riflessjoni u istituzzjonijiet ta' riċerka | 561 |
| Istituzzjonijiet akkademiċi | 315 |
| Organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw knejjes u komunitajiet reliġjużi | 51 |
| Assoċjazzjonijiet u networks tal-awtoritajiet pubbliċi | 161 |
| Entitajiet, ufficċċi jew networks stabbiliti minn pajjiżi terzi | 2 |
| Organizzazzjonijiet oħra, entitajiet pubbliċi jew imħallta | 441 |

3. Data ġeografika

Ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Trasparenza ma hijiex limitata għal rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa stabbiliti fl-UE, minkejja li l-akbar grupp ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa iwettaq l-attività tiegħu minn stabbiliment fil-Belġju. Dan huwa x'aktarx minħabba li l-istituzzjonijiet tal-UE jinsabu fi Brussell. Madankollu, billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-UE jaffettwa wkoll lill-individwi u lin-negozji barra mill-UE u jista' jkollu impatt fuq il-kummerċ u r-relazzjonijiet esterni l-oħra lil hinn mill-fruntieri tas-27 Stat Membru, din il-firxa dinjija hija riflessa wkoll fir-Reġistru ta' Trasparenza.

Reġistranti ġodda: interassi rappreżentati



- Reġistranti li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom
- Intermedjarji
- Ma jirrappreżentawx interassi kummerċjali

4. Żjarat fis-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza

Fl-2022, is-sit web tar-Reġistru ta' Trasparenza rċieva żieda konsiderevoli fiż-żjarat, b'total ta' 431 345 żjara⁴⁰. Għall-finijiet ta' din il-ħarsa ġenerali statistika, “żjara” hija definita bħala viżitatur li jkun qed jaċċessa s-sit web għall-ewwel darba. Jekk l-istess viżitatur jibqa’ fuq paġna waħda għal aktar minn 30 minuta wara l-aħħar paġna li jkun ra, din tgħodd bħala żjara ġdida. Bħala medja, dan jammonta għal madwar 36 000 żjara fix-xahar.

Madwar 71 % tal-viżitaturi tas-sit web użaw il-funzjoni tat-tiflix bl-Ingliż, filwaqt li ż-żjarat fil-paġna ewlenija saru l-aktar bl-Ingliż, segwiti f'ordni dixxidenti, mill-Franċiż, mill-Ġermaniż, mill-Ispanjol u mit-Taljan. Kważi 85 % taż-żjarat jiġu minn utenti fl-Ewropa, segwiti minn kważi 10 % taż-żjarat li joriġinaw mill-Amerka ta' Fuq. Fl-Ewropa, 25,5 % taż-żjarat fis-sit web oriġinaw mill-Belġju, segwiti minn dawk li orġinaw mill-Ġermanja (11 %), minn Franza (9,5 %) u mir-Renju Unit (6,5 %).

Fl-2022, is-sett ta' *data* kkonsolidat tar-Reġistru ta' Trasparenza li ttrasfera lil data.europa.eu kien il-11-il sett ta' *data* l-aktar ikkonsultat fost aktar minn 1 500 000⁴¹ sett ta' *data* ppubblikati hemmhekk. Is-settijiet ta' *data* jippermettu lill-utenti jniżżlu (f'format xml jew Excel) il-lista ta' persuni akkreditati għall-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew u l-lista ta' organizzazzjonijiet li jinsabu fir-Reġistru ta' Trasparenza li jmorru lura bosta snin.

⁴⁰ Dan jitqabel ma' 326 700 żjara fl-2021.

⁴¹ Settijiet ta' *data* mill-istituzzjonijiet, mill-aġenziji u mill-korpi tal-UE, mill-Istati Membri u minn pajjiżi oħra, kif ukoll minn ċerti awtoritajiet lokali.

VI. Konklużjonijiet

Is-sena 2022 uriet li kienet attiva ħafna għar-Reġistru ta' Trasparenza. Is-sistema obbligatorja l-ġdida wasslet għal żieda fl-użu tar-reġistru bħala għoddha ta' informazzjoni u ta' referenza biex jiġu segwiti l-attivitajiet ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess imwettqa fil-livell tal-UE. Dan jidher fiż-żieda fl-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u ż-żieda fl-ġhadd ta' żjarat fis-sit web tar-reġistru, anki jekk ir-rata ta' tkabbir tal-organizzazzjonijiet ir-reġistrati u ta' entitajiet oħra naqset b'mod ġenerali. Is-Segretarjat għalhekk kellu sena impenjattiva ħafna f'termini ta' talbiet diretti għall-assistenza mill-helpdesk, attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, monitoraġġ tal-kwalità tad-data u investigazzjonijiet dwar ir-reġistranti.

Is-Segretarjat wettaq il-prioritajiet annwali tar-reġistru, inkluż billi għalaq il-perjodu ta' tranżizzjoni għar-reġistranti, saħħa il-verifika tal-eliġibbiltà tiegħu, żied l-assistenza tal-helpdesk u introduċa għadd ta' titjibet għall-pjattaforma tal-IT flimkien mal-attivitajiet ta' kuljum tagħha, li huma dettaljati fir-rapport.

Bħala għoddha pubblika, ir-Reġistru ta' Trasparenza għandu rwol importanti x'jaqdi fil-preservazzjoni tal-fiduċja pubblika u fit-tiċhiż tar-responsabbiltà, fil-politika usa' ta' trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-UE, u fil-wiri tal-impenn komuni tal-istituzzjonijiet tal-UE għall-promozzjoni ta' rappreżentanza trasparenti u etika tal-interessi, li hija partikolarment importanti fil-kuntest attwali.